**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 27 ta` Lulju 2020**

**Kawza Nru. 3**

**Fl-atti tar-rikors numru 304/2016/3 JZM**

**Av. Jonathan Abela Fiorentino, avukat (detentur tal-Karta tal-Identita` 555482M) bhala mandatarju specjali ta` Marsoft International A/S socjeta` registrata fin-Norvegja bin-numru 937 657 927 u b`indirizz registrat ta` Inkognitogata 33A, 0256 Oslo, fin-Norvegja**

***kontra***

1. **Vroon Containers B.V., socjeta` registrata fl-Olanda bin-numru 22055081 u b`indirizz registrat ta` Haven Westzijde 21, 4511 AR Breskens, fl-Olanda**

***u***

2. **Balticmax Holding Company Limited (C-70765)**

**Il-Qorti :**

**Rat ir-rikors li pprezenta l-Av. Dr. Richard Galea Debono fis-6 ta` Mejju 2020., fejn, ghar-ragunijiet li kienu ndikati fir-rikors, talabha sabiex :**

***tezentah mill-inkariku ta` direttur ta` BHC* [u cioe` Balticmax Holding Company Limited (C-70765)] *u taghtih il-pjena kwittanza fuq l-operat tieghu, filwaqt li taghti dawk id-direttivi li jidhrilha xierqa sabiex BHC titmexxa minn diretturi ohra.***

**Rat id-digriet taghha tal-11 ta` Mejju 2020.**

**Rat ir-risposta li pprezenta Av. Dr. Joseph Camilleri bhala mandatarju ta` Pal Leo Eckbo fl-20 ta` Mejju 2020.**

**Rat ukoll ir-risposta li pprezentat Vroon Containers B.V. fl-20 ta` Mejju 2020.**

**Rat id-dokumenti li kienu prezentati mill-kontendenti ghall-fini ta` dan il-procediment.**

**Rat id-digriet taghha tat-3 ta` Gunju 2020.**

**Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta` Gunju 2020 fejn *inter alia* r-rikors thalla odjern thalla ghal provvediment ghal-lum.**

**Rat in-nota li pprezenta Pal Leo Eckbo, kif kien dirett jaghmel fl-istess udjenza.**

**<u>Ikkunsidrat</u> :**

**Fil-premessi tar-rikors ta` Dr Galea Debono, tirrizulta kjarament il-frustrazzjoni tieghu li *service providers* ta` BHC, u cioe` Camilleri Preziosi, mhux jithallsu ta` dak li haqqhom, ghaliex l-azzjonisti ta` BHC mhux qeghdin isostnu b`finanzjament dirett fil-kumpannija il-hlas ta` dawn is-*service providers*.**

**Jirrizulta bhala fatt illi BHC de proprio m`ghandhiex flus jew sostanzi <u>minn taghha</u> mnejn thallas lis-*service providers.***

**Huwa evidenti li l-uniku mod kif Camilleri Preziosi jistghu jithallsu huwa permezz ta` *cash injection* diretta da parti tal-azzjonisti f`BHC. Hekk jidher li sar fil-passat. Ma jidhirx li hekk huwa l-kaz illum, kif hareg bl-aktar mod car mill-atti ta` dan il-procediment.**

**Fil-fatt jirrizulta li filwaqt illi Pal Leo Ekbo bhala azzjonista lest ikompli jaghmel hlasijiet skont is-sehem tal-ishma li ghandu fil-kumpannija favur BHC, Vroon Containers B.V. mhijiex disposta tohrog spejjez aktar milli diga` harget. Ir-ragunijiet ta` din tal-ahhar kienu ndikati fir-risposta taghha u riaffermati waqt it-trattazzjoni tar-rikors fl-udjenza tat-30 ta` Gunju 2020.**

**<u>Ikkunsidrat</u> :**

**Huwa pacifiku li llum l-azzjonisti ta` BHC huma Vroon Containers B.V. u Pal Leo Eckbo, waqt illi d-diretturi ta` BHC sal-lum huma Av. Dr. Richard Galea Debono u Arlie Sterling.**

**Jidher li <u>sal-lum</u> BHC m`ghandhiex flus jew sostanzi mnejn thallas lill-kredituri taghha, inkluz lis-*service providers* taghha.**

**Mhux kontestat li l-kreditu tas-*service providers* huwa kontra BHC.**

**Ghalhekk huwa biss, <u>jekk iridu</u>, skont id-dritt generali, li l-azzjonisti johorgu flus minn taghhom sabiex isostnu d-dejn ta` kumpannija, li taghha huma azzjonisti [fil-kaz tal-lum : BHC].**

**Konsiderazzjonijiet ohra li jidhlu fir-ragunijiet ghaliex azzjonista jikkontribwixxi ghad-dejn ta` kumpannija, u ghal azzjonista iehor li joqghod lura milli jhallas dejn tal-kumpannija, m`ghandhom l-ebda rilevanza ghall-esitu tar-rikors odjern.**

**Bla hsara ghall-premess, billi l-qorti tifhem il-qaghda li sab ruhu fiha r-rikorrent, *multo magis* fil-kaz tal-lum fejn kien mahtur direttur bi provvediment taghha, sejra tqis favorevolment it-talba tieghu.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi billi :-**

**Qeghda tilqa` t-talba tal-Av. Dr. Richard Galea Debono li jkun ezentat mill-inkariku ta` direttur ta` Balticmax Holding Company Limited (C-70765).**

**Qeghda tilqa` t-talba tal-Av. Dr. Richard Galea Debono li jinghata l-pjena kwittanza fuq l-operat tieghu.**

**Tirriserva li tipprovdi `l quddiem dwar kif Balticmax Holding Company Limited (C-70765) ghandha titmexxa mil-lum `il quddiem.**

**Spejjez bla taxxa.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**